MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 39/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Keith Pace**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Keith Pace ta' 27 sena, imwieled il-Pieta', fl-10 ta' Lulju 1980 u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 327480(M) talli f' dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Dicembru 2007 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1. f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Dicembru 2007 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda irceva minghand

haddiehor, jew kiseb minghand haddiehor, xi weghda li inghataw, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, mghaxjiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

2. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta' xi hadd mill-axxedenti, dixxedenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar, talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, hedded, kemm bil-kitba kif ukoll bil-fomm, lil Anthony Zammit mill-Belt b'xi delitt, liema theddid kien fih ordni jew kondizzjoni;

4. kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, hedded lil Anthony Zammit mill-Belt;

5. talli b'hekk sar recediv skond l-Artikoli 49 *et sequitur* tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 7 ta' Jannar 2003, 29 ta' Novembru 2005, 5 ta' April 2006, 6 ta' Gunju 2006, 28 ta' Settembru 2006, u 17 ta' Novembru 2006;

6. kif ukoll talli b'hekk kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Ottubru 2006 u fis-17 ta' Mejju 2007;

7. u aktar talli b'hekk huwa kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta' Lulju 2007.

L-ewwel qorti kienet mitluba mill-prosekuzzjoni sabiex eventwalment torbot lil Keith Pace skond l-Artikolu 383 *et seq.* tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Jannar, 2008 li permezz taghha, fuq ammissjoni kif registrata fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2008 quddiem il-Qorti Inferjuri, sabet lill-imputat Keith Pace hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu (dik il-qorti pprecizat li fil-konfront ta' l-akkuzi dwar il-ksur ta' l-Artikolu 7 u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 "mhux ser taghti ebda provvediment stante li ebda sentenza f'dan ir-rigward ma giet ezibita…biex il-Qorti tkun tista' tiehu konjizzjoni taghha[1]); ikkundannat lill-istess Pace ghall-piena ta' sittax-il xahar habs [**recte:** prigunerija] u multa ta' tliet elef erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3494,06); ordnatlu wkoll skond l-Artikolu 298C(5) sabiex fi zmien gimgha jirrifondi lil Anthony Zammit l-eccess ta' mghax jew korrispettiv iehor li huwa rceva; u fl-ahharnett rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal sena fis-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) li huwa b'ebda mod ma jkellem (ghajr biss biex jghaddilu s-somma hawn fuq imsemmija) jew jivvessa lil Anthony Zammit[2];

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Keith Pace, minnu pprezentat fil-11 ta' Frar 2008, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Dan l-appell hu limitat ghall-piena inflitta mill-ewwel qorti. L-appellant, fir-rikors ta' appell tieghu, jikkontendi li l-piena fuqu inflitta ma kenitx proporzjonata ghall-fattispecie tal-

---

[1] Minn din il-parti tas-sentenza ma sar ebda appell mill-Avukat Generali. Din il-Qorti – Qorti ta' l-Appell Kriminali – pero` jkollha tistqarr li hija haga ferm stamba li l-ewwel qorti, ghalkemm qed tiddikjara htija ghal dak li hu ksur tal-imsemmija Artikoli 7 u 22 tal-Kap. 446, ma tipprovdix kif mehtieg skond l-imsemmi Kap. 446. Kullma kellu jsir kien li l-ewwel qorti tordna lir-Registratur li jipprovdiha b'kopji legali tas-sentenzi relattivi galadarba ma kienx hemm aktar lok, bl-ammissjoni, li jitrassqu aktar provi mill-prosekuzzjoni. Pero`, kif inghad, ma hemmx appell min-naha ta' l-Avukat Generali.

[2] Din l-obbligazzjoni saret bil-miktub kif suppost u tinsab a fol. 58 tal-atti.

kaz. Huwa josserva li ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu (ghalkemm mhux fil-bidu tal-kawza izda wara li kienu diga` nstemghu xi xhieda, fosthom il-vittma Anthony Zammit); li hu kkollabora mal-pulizija u li kien fisser li kien bi hsiebu li jirrifondi l-ammont ta' flus li huwa kien ippercepixxa in eccess ta' dak li tippermetti l-ligi. Isemmi wkoll il-fatt li l-parti leza – Zammit – kien hafirlu.

Din il-Qorti ma tistax ma tqisx dana l-appell bhala wiehed razenti l-fieragh. L-ammissjoni saret wara li mill-provi kien evidenti li l-kaz tal prosekuzzjoni kien gie ppruvat. Il-mahfra tal-vittma f'dan il-kaz ma ggib ebda recess ta' l-azzjoni kriminali. Pero` l-aktar zewg affarijiet sinjifikanti li l-appellant konvenjentement qed jinsa huma l-fatt tar-recidiva tieghu (u l-fedina penali ta' dsatax-il faccata li turi karattru altament refrattarju), kif ukoll li hu ammetta ghall-ewwel imputazzjoni, cioe` dik tar-reat ta' uzura, li hija mfassla f-termini ta' reat kontinwat. F'dan il-kaz, tenut kont ta' dawn il-fatturi, l-ewwel qorti kienet pjenament gustifikata li taghti piena, ghall-anqas ghal dik li hija l-piena karcerarja, li aktar ixxaqleb lejn il-massimu milli lejn il-minimu. Hemm, imbaghad, ukoll il-konkors tar-reati u l-pieni. Il-piena ghar-reat ta' uzura (minghajr il-kontinwat u minghajr ebda zieda minhabba recidiva) hija ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tmintax-il xahar u multa minn elf lira sa hmistax-il elf lira. Ghar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni – dak kontemplat fl-Artikolu 251B – il-piena karcerarja hija minn tlett xhur sa sitt xhur prigunerija, filwaqt li ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 249(1)(2) hemm il-piena ta' prigunerija minn xahar sa sitt xhur.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – u allura mhux dawk biss li ghazel li jsemmi l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu – il-piena erogata mill-ewwel qorti kinet mhux biss fil-parametri tal-ligi izda wkoll pjenament gustifikata. Konsegwentement ma hemm lok ta' ebda varjazzjoni fil-piena.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu ta' sena tal-garanzija ghall-

finijiet ta' l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9 jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------